Ġabra tal-ġurisprudenza

# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

17 ta' Marzu 2022*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 63 TFUE – Moviment liberu tal-kapital – Taxxa fuq id-dividendi mħallsa lill-organi ta' investiment kollettiv (OIK) – OIK residenti u mhux residenti – Differenza fit-trattament – Taxxa f'ras il-għajn li tikkonċerna biss id-dividendi mħallsa lil OIK mhux residenti – Komparabbiltà tas-sitwazzjonijiet – Evalwazzjoni – Teħid inkunsiderazzjoni tas-sistema fiskali tad-detenturi ta' ishma f'OIK u tal-issuġġettar tal-organi residenti għal taxxi oħra – Assenza"

Fil-Kawża C-545/19,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD) (il-Qorti tal-Arbitraġġ fil-Qasam Fiskali (Ċentru ta' Arbitraġġ Amministrattiv – CAAD), il-Portugall), permezz ta' deċiżjoni tad-9 ta' Lulju 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-17 ta' Lulju 2019, fil-proċedura

**AllianzGI-Fonds AEVN**

vs

**Autoridade Tributária e Aduaneira,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

komposta minn A. Arabadjiev, President tal-Ewwel Awla, li qiegħed jaġixxi bħala President tat-Tieni Awla, I. Ziemele, T. von Danwitz, P. G. Xuereb (Relatur) u A. Kumin, Imħallfin,

Avukata Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal AllianzGI-Fonds AEVN, minn J. Lobato Heitor u R. Pereira de Abreu, advogadas, kif ukoll minn F. Cabral Matos, advogado,

* Lingwa tal-kawża: il-Portugiż.

– għall-Gvern Portugiż, minn L. Inez Fernandes, A. de Almeida Morgado, A. Homem u P. Barros da Costa, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn W. Roels u G. Braga da Cruz, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali ppreżentati fis-seduta tas-6 ta’ Mejju 2021,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 56 u 63 TFUE.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta’ tilwima bejn AllianzGI-Fonds AEVN u l-Autoridade Tributária e Aduaneira (l-Awtorità tat-Taxxa u tad-Dwana, il-Portugall) dwar l-annullament ta’ atti li permezz tiegħu din tal-aħħar wettqet l-intaxxar f’ras il-għan tat-taxxa fuq id-dħul tal-persuni ġuridiċi relatat mas-snin 2015 u 2016.

## Id-dritt Portugiż

3 L-Artikolu 22 tal-Estatuto dos Beneficios Fiscais (l-Istatut tal-Benefiċċji Fiskali), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar ’il quddiem l-“EBF”), kien jipprevedi:

“1 – Huma suġġetti għat-taxxa fuq id-dħul tal-persuni ġuridiċi skont id-dispożizzjonijiet ta’ dan l-artikolu l-fondi ta’ investiment ta’ titoli trasferibbli, il-fondi ta’ investiment immobbiljari, il-kumpanniji ta’ investiment ta’ titoli trasferibbli u l-kumpanniji ta’ investiment immobbiljari li huma kkostitwiti u joperaw skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

[...]

3 – Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-profitti taxxabbli, ma għandux jittieħed inkunsiderazzjoni d-dħul imsemmi fl-Artikoli 5, 8 u 10 tal-[Código do Imposto sobre o Rendimento das Pessoas Singulares (il-Kodiċi tat-Taxxa fuq id-Dħul tal-Persuni Fiżiċi)] — ħlief jekk dan id-dħul ikun ġej minn entitajiet li għandhom ir-residenza jew id-domiċilju tagħhom f’pajjiż, f’territorju jew f’reġjun suġġett għal sistema fiskali kjarament iktar favorevoli, skont il-lista approvata minn deċiżjoni tal-membru tal-Gvern responsabbli fil-qasam tal-finanzi –, spejjeż marbuta ma’ dan id-dħul jew previsti fl-Artikolu 23 A tal-[Código do Imposto sobre o Rendimento das Pessoas Coletivas (il-Kodiċi tat-Taxxa fuq id-Dħul tal-Persuni Ġuridiċi)], u lanqas dħul, inklużi l-iskonti, u spejjeż relatati mal-kummissjonijiet ta’ ġestjoni u kummissjonijiet oħrajn, li jibbenefikaw lill-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1.

[...]

6 – L-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 huma eżentati mid-*derrama municipal* (it-taxxa muniċipali fuq il-profitti) u mid-*derrama estadual* (it-taxxa nazzjonali fuq il-profitti).

7 – L-amalgamazzjonijiet, diviżjonijiet jew sottoskrizzjonijiet fi flus kontanti bejn l-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1, inklużi dawk li ma għandhomx personalità ġuridika, huma suġġetti, *mutatis mutandis*, għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 73, 74, 76 u 78 tal-Kodiċi tat-Taxxa fuq

id-Dħul tal-Persuni Ġuridiċi, u s-sottoskrizzjonijiet fi flus kontanti huma suġġetti għas-sistema tat-trasferimenti tal-assi, prevista fl-Artikolu 73(3) tal-Kodiċi ċċitat iktar 'il fuq.

8 – Ir-rati tat-taxxa speċifiċi previsti fl-Artikolu 88 tal-Kodiċi dwar it-Taxxa fuq id-Dħul tal-Persuni Ġuridiċi għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal din is-sistema.

[…]

10 – Ma hemmx obbligu li t-taxxa fuq il-persuni ġuridiċi titnaqqas f'ras il-għajn fir-rigward tad-dħul tal-persuni taxxabbli msemmija fil-paragrafu 1.

[…]

14 – Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 7 japplikaw għall-operazzjonijiet previsti fih li jimplikaw entitajiet li għandhom is-sede tagħhom, it-tmexxija effettiva tagħhom jew id-domiċilju tagħhom fit-territorju Portugiż, fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, jew fiż-Żona Ekonomika Ewropea, inkwantu hemm obbligu ta' kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-iskambju ta' informazzjoni u ta' assistenza għall-irkupru ekwivalenti għal dak eżistenti fl-Unjoni Ewropea.

15 – L-entitajiet li jamministraw kumpanniji jew fondi msemmija fil-paragrafu 1 huma responsabbli *in solidum* għad-djun fiskali tal-kumpanniji jew tal-fondi li tagħhom huma jiżguraw il-ġestjoni."

4 L-Artikolu 22A tal-EBF jistipula li:

"1. – Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3, id-dħul minn ishma jew minn azzjonijiet ta' entitajiet li jaqgħu taħt l-iskema prevista fl-artikolu preċedenti huwa suġġett għat-taxxa fuq id-dħul tal-persuni fiżiċi jew għat-taxxa fuq id-dħul tal-persuni ġuridiċi, skont id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

a) fil-każ tad-dħul imqassam lil benefiċjarji residenti fit-territorju Portugiż jew fil-każ ta' dħul taxxabbli lil stabbiliment permanenti li jinsab f'dan it-territorju, permezz tat-taxxa f'ras il-għajn:
   i) bir-rata prevista fl-Artikolu 71(1) tal-Kodiċi tat-Taxxa fuq id-Dħul tal-Persuni Fiżiċi, meta l-benefiċjarji jkunu suġġetti għat-taxxa fuq id-dħul tal-persuni fiżiċi, u t-taxxa f'ras il-għajn tkun ta' natura definittiva meta d-dħul jinkiseb barra minn attività kummerċjali, industrijali jew agrikola;
   ii) bir-rata prevista fl-Artikolu 94(4) tal-Kodiċi tat-Taxxa fuq id-Dħul tal-Persuni Ġuridiċi, meta l-benefiċjarji jkunu suġġetti għal din it-taxxa, u t-taxxa f'ras il-għajn tikkostitwixxi ħlas bil-quddiem tat-taxxa, ħlief jekk il-persuna taxxabbli tibbenefika minn eżenzjoni mit-taxxa fuq id-dħul tal-persuni ġuridiċi li teskludi d-dħul mill-kapital, f'liema każ din hija ta' natura definittiva.

[…]

c) fil-każ ta' dħul minn ishma f'fondi ta' investiment immobbiljari u minn azzjonijiet f'kumpanniji ta' investiment immobbiljari li l-benefiċjarji tagħhom huma persuni taxxabbli mhux residenti li ma għandhomx stabbiliment permanenti fit-territorju Portugiż li għalih dan id-dħul huwa imputabbli, permezz tat-taxxa f'ras il-għajn b'mod definittiv bir-rata ta' 10 %, fil-każ ta' dħul imqassam jew li jirriżulta minn tranżazzjonijiet ta' xiri mill-ġdid ta' ishma jew, b'mod speċifiku, bir-rata ta' 10 %, fil-każijiet l-oħra;

d) fil-każ ta' dħul minn ishma f'fondi ta' investiment ta' titoli trasferibbli jew ta' azzjonijiet f'kumpanniji ta' investiment suġġetti għas-sistema prevista fl-artikolu preċedenti, inkluż il-qligħ kapitali li jirriżulta mill-akkwist jew mil-likwidazzjoni ta' tali ishma, li l-benefiċjarji tagħhom ma humiex residenti fit-territorju Portugiż u hemmhekk ma għandhom l-ebda stabbiliment permanenti li għalih huwa imputabbli dan id-dħul, dawn huma eżenti mit-taxxa fuq id-dħul tal-persuni fiżiċi u mit-taxxa fuq id-dħul tal-persuni ġuridiċi;

e) fil-każijiet l-oħra, skont id-dispożizzjonijiet previsti mill-Kodiċi tat-Taxxa fuq id-Dħul tal-Persuni Fiżiċi jew il-Kodiċi tat-Taxxa fuq id-Dħul tal-Persuni Ġuridiċi.

2 – Id-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-punt (a)(i) u fil-punt (b) tal-paragrafu preċedenti japplikaw bla ħsara għall-għażla ta' tassazzjoni fil-kuntest tad-dħul kollu, meta dan ikun dħul li persuni suġġetti għat-taxxa fuq id-dħul tal-persuni fiżiċi jkunu rċevew barra minn attività kummerċjali, industrijali jew agrikola, f'liema każ it-taxxa f'ras il-għajn tikkostitwixxi ħlas bil-quddiem tat-taxxi, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 78 tal-Kodiċi tat-Taxxa fuq id-Dħul tal-Persuni Fiżiċi.

3 – Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1(c) u (d) ma humiex applikabbli u d-dħul għandu jiġi ntaxxat skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1(a), (b) jew (e), meta:

a) il-benefiċjarji jirrisjedu f'pajjiż, f'territorju jew f'reġjun suġġett għal sistema fiskali kjarament iktar favorevoli, skont il-lista approvata permezz ta' deċiżjoni tal-membru tal-gvern responsabbli fil-qasam tal-finanzi;

b) il-benefiċjarji huma entitajiet mhux residenti li huma miżmuma, direttament jew indirettament, għal iktar minn 25 % minn entitajiet jew persuni fiżiċi residenti fit-territorju nazzjonali.

[...]

13 – Għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' din is-sistema, id-dħul minn ishma f'fondi ta' investiment immobbiljari u l-azzjonijiet f'kumpanniji ta' investiment immobbiljari, li jinkludu l-qligħ kapitali li jirriżulta minn trasferiment bi ħlas, minn xiri mill-ġdid jew minn stralċ ta' tali ishma, huma kkunsidrati bħala dħul minn beni immobbli."

5 L-Artikolu 3(1) tal-Kodiċi dwar it-Taxxa fuq id-Dħul tal-Persuni Ġuridiċi, fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali, kien ifformulat kif ġej:

"It-taxxa fuq id-dħul tal-persuni ġuridiċi tikkonċerna:

[...]

d) Id-dħul minn diversi kategoriji, meħud inkunsiderazzjoni għall-finijiet tat-taxxa fuq id-dħul tal-persuni fiżiċi, kif ukoll iż-żidiet patrimonjali li jinkisbu mingħajr ħlas mill-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1(c) tal-artikolu preċedenti u li ma għandhomx stabbiliment permanenti jew li, meta dawn l-entitajiet ikollhom tali stabbiliment, ma jistgħux jiġu ntaxxati lil dawn tal-aħħar."

6 Skont l-Artikolu 4 ta' dan il-kodiċi:

"2 – Il-persuni ġuridiċi u entitajiet oħra li la s-sede u lanqas l-amministrazzjoni effettiva tagħhom ma jinsabu fit-territorju Portugiż huma suġġetti għat-taxxa fuq id-dħul tal-persuni ġuridiċi biss f'dak li jirrigwarda d-dħul miksub f'dan it-territorju.

3 – Għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti, għandu jitqies bħala miksub fit-territorju Portugiż id-dħul taxxabbli lil stabbiliment permanenti li jinsab f'dan it-territorju, kif ukoll, meta ma jissodisfax din il-kundizzjoni, id-dħul li ġej:

[...]

c) id-dħul imsemmi hawn taħt, li d-debitur tiegħu għandu r-residenza tiegħu, is-sede tiegħu jew l-amministrazzjoni effettiva tiegħu fit-territorju Portugiż jew li l-ħlas tiegħu huwa imputabbli lil stabbiliment permanenti li jinsab f'dan it-territorju:

[...]

3) dħul ieħor mill-kapital;

[...]"

7 L-Artikolu 87(4) tal-imsemmi kodiċi jipprevedi:

"Fir-rigward tad-dħul ta' entitajiet li la għandhom is-sede tagħhom u lanqas l-amministrazzjoni effettiva tagħhom fit-territorju Portugiż u li ma għandhomx stabbiliment permanenti li lilu jiġi ntaxxat l-imsemmi dħul, taxxa fuq id-dħul tal-persuni ġuridiċi bir-rata ta' 25 % [...]"

8 Skont l-Artikolu 88(11) tal-istess kodiċi:

"Huma ntaxxati b'mod speċifiku, bir-rata ta' 23 %, il-profitti mqassma minn entitajiet suġġetti għat-taxxa fuq id-dħul tal-persuni ġuridiċi lil persuni taxxabbli li jibbenefikaw mill-eżenzjoni totali jew parzjali, inklużi, f'dan il-każ, id-dħul mill-kapital, meta l-azzjonijiet li għalihom jirrelataw il-profitti ma jkunux baqgħu f'idejn l-istess persuna taxxabbli, b'mod mhux interrott, matul is-sena ta' qabel id-data tat-tqegħid għad-dispożizzjoni tagħhom u li ma jkunux inżammu matul iż-żmien neċessarju sabiex jiġi kkompletat dan il-perijodu."

9 L-Artikolu 94 tal-Kodiċi tat-Taxxa fuq id-Dħul tal-Persuni Ġuridiċi jipprovdi:

"1 – It-taxxa fuq id-dħul tal-persuni ġuridiċi hija suġġetta għat-taxxa f'ras il-għajn fir-rigward tad-dħul li ġej, miksub fit-territorju Portugiż:

[...]

c) Id-dħul mill-kapital li ma kienx imsemmi fil-punti preċedenti u d-dħul minn proprjetà immobbli, kif iddefinit għall-bżonnijiet tat-taxxa fuq id-dħul tal-persuni fiżiċi, meta d-debitur ta' dan id-dħul ikun suġġett għat-taxxa fuq id-dħul tal-persuni ġuridiċi jew meta l-imsemmi dħul ikun jikkostitwixxi piż relatat ma' attività imprenditorjali jew professjonali ta' persuni taxxabbli għat-taxxa fuq id-dħul ta' persuni fiżiċi li għandhom jew li għandhom ikollhom kontabbiltà;

[...]

3 – It-taxxa f'ras il-għajn tikkonsisti antiċipu tat-taxxi, ħlief fil-każijiet li ġejjin fejn din tkun ta' natura definittiva:

[...]

b) Meta, fir-rigward ta' dħul mhux immobbli, il-benefiċjarju tad-dħul ikun entità mhux residenti li ma għandhiex stabbiliment permanenti fit-territorju Portugiż jew li, fl-ipoteżi fejn ikun hemm tali stabbiliment hemmhekk, dan id-dħul ma jkunx imputabbli lill-benefiċjarju inkwistjoni.

[...]

5 – Huma eżentati mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti t-taxxi li, skont il-paragrafu 3, huma ta' natura definittiva, li għalihom japplikaw ir-rati previsti fl-Artikolu 87.

6 – L-obbligu li jitwettaq intaxxar f'ras il-għajn għat-taxxa fuq id-dħul tal-persuni ġuridiċi jitnissel fid-data li fiha huwa previst obbligu identiku fil-Kodiċi tat-Taxxa fuq id-Dħul tal-Persuni Fiżiċi jew, fin-nuqqas ta' dan, fid-data tat-tqegħid għad-dispożizzjoni tad-dħul, u l-ammonti ta' taxxa għandhom jitħallsu lill-Istat qabel l-għoxrin jum tax-xahar ta' wara x-xahar li fih ikunu ġew intaxxati skont id-dispożizzjonijiet previsti mill-Kodiċi tat-Taxxa fuq id-Dħul tal-Persuni Fiżiċi jew minn leġiżlazzjoni addizzjonali."

10 Il-punt 29 tat-tabella ġenerali li tinsab fil-[Código do Imposto do Selo (il-Kodiċi tat-Taxxa tal-Boll)], fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali, kien jipprovdi:

"29. – Valur nett globali tal-organi ta' investiment kollettiv li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-EBF:

29.1 – Organi ta' investiment kollettiv li jinvestu esklużivament fi strumenti tas-suq monetarju u f'depożiti: 0.0025 % għal kull trimestru fuq il-valur inkwistjoni.

29.2 – Organi ta' investiment kollettiv oħra: 0.00125 % għal kull trimestru fuq il-valur inkwistjoni."

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

11 AllianzGI-Fonds AEVN huwa organu ta' investiment kollettiv (OIK) tat-tip miftuħ, ikkostitwit skont il-leġiżlazzjoni Ġermaniża u li għandu s-sede tiegħu fil-Ġermanja. Huwa ġestit minn entità amministratriċi li s-sede tagħha tinsab ukoll fil-Ġermanja, peress li din l-entità la hija residenti u lanqas ma għandha stabbiliment permanenti fil-Portugall.

12 Peress li AllianzGI-Fonds AEVN għandu r-residenza fiskali tiegħu fil-Ġermanja, huwa eżentat mit-taxxa fuq il-kumpanniji f'dan l-Istat Membru skont il-leġiżlazzjoni Ġermaniża. Dan l-istatus fiskali jipprekludih milli jirkupra t-taxxi mħallsa barra mill-pajjiż fil-forma ta' kreditu fiskali minħabba taxxa doppja internazzjonali jew li titlob kwalunkwe rimbors ta' dawn it-taxxi.

13 Matul is-snin 2015 u 2016, AllianzGI-Fonds AEVN kellu ishma f'diversi kumpanniji residenti fil-Portugall. Id-dividendi li huwa rċieva f'dan ir-rigward matul dawk is-sentejn kienu suġġetti, skont l-Artikolu 87(4)(c) tal-Kodiċi tat-Taxxa fuq id-Dħul tal-Persuni Ġuridiċi, għal tassazzjoni permezz ta' taxxa f'ras il-għajn ta' natura liberatorja bir-rata ta' 25 %, għal ammont totali ta' EUR 39 371.29.

14 Fir-rigward tas-sena 2015, AllianzGI-Fonds AEVN kiseb ir-rimbors ta' EUR 5 065.98 skont il-ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja konkluż bejn ir-Repubblika Portugiża u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, li jipprevedi rata massima ta' 15 % għat-tassazzjoni tad-dividendi.

15 Fid-29 ta' Diċembru 2017, AllianzGI-Fonds AEVN ippreżenta, quddiem l-Amministrazzjoni tal-Kontribuzzjonijiet u tad-Dwana, rikors amministrattiv kontra l-atti li permezz tagħhom din tal-aħħar ipproċediet għall-impożizzjoni f'ras il-għajn tat-taxxa fuq id-dħul tal-persuni ġuridiċi għas-snin 2015 u 2016. Huwa talab li dawn l-atti jiġu annullati minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni u li d-dritt tiegħu għar-rimbors tat-taxxa indebitament sostnuta fil-Portugall jiġi rrikonoxxut. Dan ir-rikors ġie miċħud permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Novembru 2018.

16 Fit-12 ta' Frar 2019, AllianzGI-Fonds AEVN ressaq kawża quddiem il-qorti tar-rinviju, it-Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD) (il-Qorti tal-Arbitraġġ fil-Qasam Fiskali (Ċentru ta' Arbitraġġ Amministrattiv – CAAD), il-Portugall), bil-għan li jiġu annullati l-atti ta' taxxa f'ras il-għajn għall-bilanċ ta' EUR 34 305.31.

17 Quddiem il-qorti tar-rinviju, AllianzGI-Fonds AEVN isostni li, matul is-snin 2015 u 2016, l-OIK ikkostitwiti u li joperaw skont il-leġiżlazzjoni Portugiża kienu suġġetti għal sistema fiskali iktar favorevoli minn dik li għaliha huwa kien suġġett fil-Portugall, sa fejn, fir-rigward ta' dividendi mħallsa minn kumpanniji stabbiliti fil-Portugall, dawn l-organi kienu eżentati, skont l-Artikolu 22(3) tal-EBF, mit-taxxa fuq id-dħul ta' persuni ġuridiċi. AllianzGI-Fonds AEVN iqis li, billi ġie ntaxxat bil-25 % fuq id-dividendi mħallsa lilu minn kumpanniji stabbiliti fil-Portugall, huwa suġġett għal trattament diskriminatorju pprojbit mill-Artikolu 18 TFUE kif ukoll għal restrizzjoni tal-moviment liberu tal-kapital ipprojbita mill-Artikolu 63 TFUE.

18 L-amministrazzjoni tal-kontribuzzjonijiet u tad-dwana ssostni, min-naħa tagħha, li s-sistema fiskali Portugiża applikabbli għall-OIK ikkostitwiti u li joperaw bi ftehim mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u dik applikabbli għall-OIK ikkostitwiti u stabbiliti fil-Ġermanja ma humiex, min-natura tagħhom, komparabbli, peress li lanqas l-ewwel waħda minn dawn is-sistemi ma teskludi l-intaxxar tad-dividendi mħallsa mill-organi li hija tkopri, kemm jekk permezz tat-taxxa tal-boll kif ukoll permezz tat-taxxa speċifika prevista fl-Artikolu 88(11) tal-Kodiċi tat-Taxxa fuq id-Dħul tal-Persuni Ġuridiċi. Fid-dawl tal-fatt li t-tassazzjoni tad-dividendi ssir skont modalitajiet differenti, xejn ma jindika li l-piż fiskali fuq id-dividendi rċevuti mill-OIK ikkostitwiti u li joperaw bi ftehim mal-leġiżlazzjoni Portugiża huwa inqas minn dak impost fuq id-dividendi rċevuti fil-Portugall minn organu bħal AllianzGI-Fonds AEVN. L-Amministrazzjoni tal-Kontribuzzjonijiet u tad-Dwana żżid li lanqas ma ġie pprovat li l-parti tat-taxxa mhux irkuprata minn AllianzGI-Fonds AEVN ma tistax tiġi rkuprata mill-investituri ta' dan tal-aħħar.

19 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, billi teżenta mit-taxxa fuq id-dħul tal-persuni ġuridiċi d-dividendi mħallsa minn kumpanniji stabbiliti fil-Portugall lil OIK li għandhom is-sede tagħhom f'dan l-Istat Membru u kkostitwiti u li joperaw skont il-leġiżlazzjoni Portugiża filwaqt li tintaxxa bil-25 % d-dividendi mħallsa minn tali kumpanniji lil OIK li għandhom is-sede tagħhom fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni u li għalhekk ma humiex ikkostitwiti u lanqas ma joperaw skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, is-sistema fiskali Portugiża tmurx kontra l-Artikolu 56 TFUE dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi jew l-Artikolu 63 TFUE dwar il-moviment liberu tal-kapital.

20 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD) (il-Qorti tal-Arbitraġġ fil-Qasam Fiskali (Ċentru ta' Arbitraġġ Amministrattiv)), iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-[Artikolu 63 TFUE] dwar il-moviment liberu tal-kapital, jew l-[Artikolu 56 TFUE] dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, jipprekludu skema fiskali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, stabbilita mill-Artikolu 22 tal-[EBF] li jipprevedi t-taxxa f'ras il-għajn ta' natura liberatorja fuq id-dividendi rċevuti [mqassma] minn kumpanniji Portugiżi favur l-[OIK] mhux residenti fil-Portugall u stabbiliti fi Stati Membri oħra tal-Unjoni, fl-istess waqt li l-[OIK] ikkostitwiti bis-saħħa tal-leġizlazzjoni fiskali Portugiża u residenti fiskali fil-Portugall jistgħu jibbenefikaw minn eżenzjoni mit-taxxa f'ras il-għajn fuq tali dħul?

2) Billi pprovdiet taxxa f'ras il-għajn fuq id-dividendi mħallsa lill-[OIK] mhux residenti u billi rriżervat għall-[OIK] residenti l-possibbiltà li jiksbu eżenzjoni mit-taxxa f'ras il-għajn, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali twettaq trattament sfavorevoli fil-konfront tad-dividendi mħallsa lill-[OIK] mhux residenti, ladarba ma tingħata ebda possibbiltà lil dawn tal-aħħar ikollhom aċċess għal eżenzjoni simili?

3) Il-qafas fiskali tad-detenturi ta' ishma tal-[OIK] huwa rilevanti għal skopijiet ta' evalwazzjoni tan-natura diskriminatorja tal-leġiżlazzjoni Portugiża, fid-dawl tal-fatt li din tipprevedi trattament fiskali awtonomu u distint (i) għall-[OIK] (residenti) u (ii) għad-detenturi ta' ishma rispettivi tal-[OIK]? Jew, fid-dawl tal-fatt li s-sistema fiskali tal-[OIK] ma hijiex, għal kollox, immodifikata jew affettwata biċ-ċirkustanza dwar jekk il-parteċipanti rispettivi humiex residenti fil-Portugall jew le, l-evalwazzjoni tal-paragunibbiltà tas-sitwazzjonijiet għall-finijiet tad-determinazzjoni tan-natura diskriminatorja tal-leġiżlazzjoni msemmija għandha sseħħ sempliċement b'riferiment għat-taxxa applikabbli fuq il-livell tal-istrument ta' investiment?

4) Differenza fit-trattament bejn [OIK] residenti u mhux residenti fil-Portugall hija ammissibbli, jekk jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi residenti fil-Portugall, sew jekk ikunu detenturi ta' ishma ta' [OIK] (residenti jew mhux residenti) huma, fiż-żewġ każijiet, suġġetti wkoll (bħala regola, ma humiex eżentati) għal taxxa fuq id-dħul iddistribwit mill-[OIK], fejn id-detenturi ta' ishma f'[OIK] mhux residenti huma suġġetti għal taxxa ogħla?

5) Fid-dawl tal-fatt li d-diskriminazzjoni analizzata f'din it-tilwima tirrigwarda differenza fit-taxxa fuq id-dħul relatat ma' dividendi ddistribwiti mill-[OIK] residenti lid-detenturi rispettivi ta' ishma fl-[OIK], huwa leġittimu, b'effett tal-analiżi tal-paragunabbiltà tat-taxxa fuq id-dħul, li jittieħdu inkunsiderazzjoni taxxi, ħlasijiet jew kontribuzzjonijiet dovuti fl-ambitu tal-investimenti magħmula mill-[OIK]? B'mod partikolari, huwa leġittimu u

ammissibbli, b'effett tal-analiżi tal-paragunabbiltà, li jittieħed inkunsiderazzjoni l-impatt assoċjat ma' taxxa fuq il-patrimonju, fuq spejjeż jew oħrajn, u mhux strettament it-taxxa fuq id-dħul tal-[OIK], inklużi eventwali taxxi speċifiċi?"

**Fuq it-talba għal ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura**

21 Wara li ġew ippreżentati il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali, AllianzGI-Fonds AEVN, permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-21 ta' Lulju 2021, talab li jiġi ordnat il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura skont l-Artikolu 83 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

22 Insostenn tat-talba tiegħu, AllianzGI-Fonds AEVN isostni, essenzjalment, li l-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali, sa fejn jeżaminaw il-kwistjoni tal-applikabbiltà, fil-kawża prinċipali, tal-Artikolu 14(3) tal-Código do Imposto sobre o Rendimento das Pessoas Coletivas (il-Kodiċi tat-Taxxa fuq il-Kumpanniji), huma bbażati fuq elementi ġodda, li għadhom ma ġewx diskussi bejn il-partijiet. AllianzGI-Fonds AEVN jirreferi, b'mod partikolari, għall-punti 10, 20 u 92 ta' dawn il-konklużjonijiet. Barra minn hekk, huwa jikkontesta kemm l-interpretazzjoni magħmula mill-Avukata Ġenerali f'dak li jirrigwarda l-allegat bżonn li jiġi evitat in-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dividendi mqassma mill-OIK mhux residenti kif ukoll l-analiżi mwettqa minnha fir-rigward tat-teknika ta' tassazzjoni tad-dividendi mwettqa permezz tat-taxxa tal-boll.

23 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, minn naħa, li l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u r-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jipprevedux il-possibbiltà, għall-persuni kkonċernati msemmija fl-Artikolu 23 ta' dan l-Istatut, li jippreżentaw osservazzjonijiet bi tweġiba għall-konklużjonijiet ippreżentati mill-Avukat Ġenerali (sentenza tat-3 ta' Marzu 2020, Tesco-Global Áruházak, C-323/18, EU:C:2020:140, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 Min-naħa l-oħra, bis-saħħa tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 252 TFUE, l-Avukat Ġenerali jippreżenta pubblikament, b'imparzjalità u b'indipendenza sħiħa, konklużjonijiet motivati dwar il-kawżi li, konformement mal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jeħtieġu l-intervent tiegħu. Il-Qorti tal-Ġustizzja la hija marbuta b'dawn il-konklużjonijiet u lanqas bil-motivazzjoni li biha huwa jkun wasal għalihom. Konsegwentement, in-nuqqas ta' qbil ta' parti kkonċernata mal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ikunu xi jkunu l-kwistjonijiet li huwa jeżamina fihom, fih innifsu ma jistax jikkostitwixxi raġuni li tiġġustifika l-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura (sentenza tat-3 ta' Marzu 2020, Tesco-Global Áruházak, C-323/18, EU:C:2020:140, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

25 Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', fi kwalunkwe mument, wara li tisma' lill-Avukat Ġenerali, tordna l-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura, konformement mal-Artikolu 83 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, b'mod partikolari jekk tqis li ma għandhiex informazzjoni biżżejjed jew li l-kawża għandha tiġi deċiża abbażi ta' argument li ma ġiex diskuss bejn il-persuni kkonċernati (sentenza tat-3 ta' Marzu 2020, Tesco-Global Áruházak, C-323/18, EU:C:2020:140, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

26 F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis madankollu, wara li nstemgħet l-Avukata Ġenerali, li, fi tmiem il-proċedura bil-miktub u fid-dawl, minn naħa, tal-preċiżazzjonijiet mogħtija mill-qorti tar-rinviju għat-talba għal informazzjoni addizzjonali tal-Qorti tal-Ġustizzja u, min-naħa l-oħra, tat-tweġibiet ipprovduti mill-partijiet għall-mistoqsijiet bil-miktub tal-Qorti tal-Ġustizzja, hija

għandha l-elementi kollha neċessarji sabiex tiddeċiedi. Barra minn hekk, din il-kawża ma għandhiex tiġi deċiża abbażi ta' argument li ma ġiex diskuss bejn il-partijiet u t-talba għall-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura ma turi ebda fatt ġdid ta' natura li jista' jeżerċita influwenza fuq id-deċiżjoni li ser tingħata.

27 Minbarra dan, fid-dawl tal-ġurisprudenza li tinsab fil-punt 24 ta' din is-sentenza, il-kontestazzjonijiet ta' AllianzGI-Fonds dwar l-analiżi magħmula mill-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali dwar l-allegat bżonn li jiġi evitat in-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dividendi mqassma mill-OIK mhux residenti kif ukoll dwar it-teknika ta' tassazzjoni tad-dividendi mwettqa permezz tat-taxxa tal-boll, ma jistgħux jiġġustifikaw il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura.

28 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja, wara li nstemgħet l-Avukata Ġenerali, tqis li ma hemmx lok li jiġi ordnat il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura.

## Fuq id-domandi preliminari

29 Permezz tal-ħames domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikoli 56 u 63 TFUE għandhomx jiġu interpretati fis-sens li dawn jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li abbażi tagħha d-dividendi ddistribwiti minn kumpanniji residenti lil OIK mhux residenti huma suġġetti għal taxxa f'ras il-għajn, filwaqt li d-dividendi ddistribwiti lil OIK residenti huma eżentati mill-ħlas ta' tali taxxa. Din il-qorti tistaqsi, minn naħa, dwar jekk dan it-trattament fiskali differenti skont il-post ta' residenza tal-organu benefiċjarju jistax jiġi ġġustifikat mill-fatt li l-OIK residenti huma suġġetti għal teknika oħra ta' tassazzjoni u, min-naħa l-oħra, jekk l-evalwazzjoni tal-komparabbiltà tas-sitwazzjonijiet tal-OIK residenti u mhux residenti sabiex jiġi ddeterminat jekk hemmx differenza oġġettiva bejniethom, ta' natura li tiġġustifika d-differenza fit-trattament stabbilita mil-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat Membru, għandhiex issir biss fuq il-livell tal-veikolu ta' investiment jew jekk għandhiex ukoll tieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni tad-detenturi ta' ishma.

### *Fuq il-libertà ta' moviment applikabbli*

30 Peress li d-domandi saru kemm fir-rigward tal-Artikolu 56 TFUE kif ukoll tal-Artikolu 63 TFUE, għandu jiġi ddeterminat, preliminarjament, jekk, u jekk ikun il-każ, sa fejn, leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tista' taffettwa l-eżerċizzju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u/jew il-moviment liberu tal-kapital.

31 F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza stabbilita sew jirriżulta li, sabiex jiġi ddeterminat jekk leġiżlazzjoni nazzjonali taqax taħt waħda jew l-oħra mil-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat FUE, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-għan tal-leġiżlazzjoni kkonċernata (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Ġunju 2018, Fidelity Funds *et*, C-480/16, EU:C:2018:480, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tat-3 ta' Marzu 2020, Tesco-Global Áruházak, C-323/18, EU:C:2020:140, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 It-tilwima fil-kawża prinċipali tirrigwarda talba għal annullament ta' atti li wasslu għat-tassazzjoni f'ras il-għajn fuq id-dividendi mħallsa lir-rikorrent fil-kawża prinċipali minn kumpanniji stabbiliti fil-Portugall għas-snin 2015 u 2016 kif ukoll il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tirriżerva l-possibbiltà li wieħed jibbenefika mill-eżenzjoni ta' tali taxxa f'ras il-għajn biss għall-OIK ikkostitwiti u li joperaw skont il-leġiżlazzjoni Portugiża jew li l-entità li tamministrahom topera fil-Portugall permezz ta' stabbiliment permanenti.

33 Peress li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali għalhekk għandha bħala suġġett it-trattament fiskali ta' dividendi rċevuti mill-OIK, għandu jiġi kkunsidrat li s-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqa' taħt il-moviment liberu tal-kapital (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2018, Fidelity Funds *et*, C-480/16, EU:C:2018:480, punti 35 u 36).

34 Barra minn hekk, anki jekk jitqies li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha l-effett li tipprojbixxi, tfixkel jew tagħmel inqas attraenti l-attivitajiet ta' OIK stabbilit fi Stat Membru għajr ir-Repubblika Portugiża, fejn huwa jipprovdi legalment servizzi simili, tali effetti jkunu l-konsegwenza inevitabbli tat-trattament fiskali applikabbli għad-dividendi mħallsa lil dan l-organu mhux residenti u ma jiġġustifikawx eżami separat tad-domandi preliminari fir-rigward tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Fil-fatt, din il-libertà hawnhekk tidher li hija sekondarja meta mqabbla mal-moviment liberu tal-kapital u tista' tiġi assoċjata miegħu (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2018, Fidelity Funds *et*, C-480/16, EU:C:2018:480, punt 37).

35 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha tiġi eżaminata esklużivament fid-dawl tal-Artikolu 63 TFUE.

### *Fuq l-eżistenza ta' restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital*

36 Minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-miżuri pprojbiti mill-Artikolu 63(1) TFUE, bħala restrizzjonijiet għall-movimenti tal-kapital, jinkludu dawk li huma ta' natura li jiddisswadu lill-persuni mhux residenti milli jinvestu fi Stat Membru jew li jiddisswadu lir-residenti li jagħmlu dan fi Stati oħra (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-2 ta' Ġunju 2016, Pensioenfonds Metaal en Techniek, C-252/14, EU:C:2016:402, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tat-30 ta' Jannar 2020, Köln-Aktienfonds Deka, C-156/17, EU:C:2020:51, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

37 F'dan il-każ, huwa paċifiku li l-eżenzjoni fiskali prevista mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tingħata lill-OIK stabbiliti u li joperaw skont il-leġiżlazzjoni Portugiża, filwaqt li d-dividendi mħallsa lil OIK stabbiliti fi Stat Membru ieħor ma jistgħux jibbenefikaw minn din l-eżenzjoni.

38 Billi timponi taxxa f'ras il-għajn fuq id-dividendi mħallsa lill-OIK mhux residenti u billi tirriżerva biss lill-OIK residenti l-possibbiltà li jiksbu l-eżenzjoni minn tali taxxa f'ras il-għajn, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawżi prinċipali tapplika trattament żvantaġġuż fir-rigward tad-dividendi mħallsa lill-OIK mhux residenti.

39 Tali trattament żvantaġġuż jista' jiddisswadi, minn naħa, lill-OIK mhux residenti milli jagħmlu investimenti f'kumpanniji stabbiliti fil-Portugall u, min-naħa l-oħra, lill-investituri residenti fil-Portugall milli jiksbu ishma f'tali OIK, u għaldaqstant jikkostitwixxi restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital ipprojbita, bħala prinċipju, mill-Artikolu 63 TFUE (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2018, Fidelity Funds *et*, C-480/16, EU:C:2018:480, punti 44 u 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

40 Madankollu, skont l-Artikolu 65(1)(a) TFUE, l-Artikolu 63 TFUE ma jippreġudikax id-dritt li l-Istati Membri għandhom sabiex japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni fiskali tagħhom li jagħmlu distinzjoni bejn il-persuni taxxabbli li ma jinsabux fl-istess sitwazzjoni fir-rigward tar-residenza tagħhom jew tal-post li fih il-kapital tagħhom huwa investit.

41 Sa fejn tikkostitwixxi deroga mill-prinċipju fundamentali ta' moviment liberu tal-kapital, din id-dispożizzjoni għandha tingħata interpretazzjoni stretta. Għaldaqstant, din ma tistax tiġi interpretata fis-sens li kull leġiżlazzjoni fiskali li tagħmel distinzjoni bejn il-persuni taxxabbli skont il-post fejn ikunu residenti jew skont l-Istat Membru fejn jinvestu l-kapital tagħhom hija awtomatikament kompatibbli mat-Trattat FUE. Fil-fatt, id-deroga prevista fl-Artikolu 65(1)(a) TFUE hija minnha nnifisha limitata mill-Artikolu 65(3) TFUE, li jipprevedi li d-dispożizzjonijiet nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu "m'għandhomx jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija fuq il-moviment liberu ta' kapital u ħlasijiet kif definit fl-Artikolu 63 [TFUE]" (sentenza tad-29 ta' April 2021, Veronsaajien oikeudenvalvontayksikkö (Dħul imħallas minn UCITS), C-480/19, EU:C:2021:334, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

42 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li hemm lok li ssir distinzjoni bejn id-differenzi fit-trattament permessi skont l-Artikolu 65(1)(a) TFUE u d-diskriminazzjonijiet ipprojbiti mill-Artikolu 65(3) TFUE. Issa, sabiex leġiżlazzjoni fiskali nazzjonali tkun tista' titqies li hija kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tat-Trattati dwar il-moviment liberu tal-kapital, jeħtieġ li d-differenza fit-trattament li tirriżulta minnha tkun tikkonċerna sitwazzjonijiet li ma humiex komparabbli b'mod oġġettiv jew li tkun iġġustifikata minn raġuni imperattiva ta' interess ġenerali (sentenza tad-29 ta' April 2021, Veronsaajien oikeudenvalvontayksikkö (Dħul imħallas minn UCITS), C-480/19, EU:C:2021:334, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

*Fuq l-eżistenza ta' sitwazzjonijiet oġġettivament komparabbli*

43 Sabiex tiġi evalwata l-paragunabbiltà tas-sitwazzjonijiet ikkonċernati, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, minn naħa, dwar jekk is-sitwazzjoni tad-detenturi tal-ishma għandhiex tittieħed inkunsiderazzjoni bl-istess mod bħal dik tal-OIK u, min-naħa l-oħra, dwar l-eventwali rilevanza tal-eżistenza, fis-sistema fiskali Portugiża, ta' ċerti taxxi li għalihom huma suġġetti biss l-OIK residenti.

44 Il-Gvern Portugiż isostni, essenzjalment, li s-sitwazzjonijiet rispettivi tal-OIK residenti u dawk mhux residenti ma humiex oġġettivament komparabbli, u dan minħabba l-fatt li l-intaxxar tad-dividendi rċevuti minn dawn iż-żewġ kategoriji ta' organi ta' investiment min-naħa tal-kumpanniji residenti fil-Portugall huwa rregolat minn tekniki ta' tassazzjoni differenti — jiġifieri, minn naħa, tali dividendi huma suġġetti għal taxxa f'ras il-għajn meta jitħallsu lil OIK mhux residenti u, min-naħa l-oħra, huma suġġetti għat-taxxa tal-boll kif ukoll għat-taxxa speċifika prevista fl-Artikolu 88(11) tal-Kodiċi tat-Taxxa fuq id-Dħul tal-Persuni Ġuridiċi, meta dawn jitħallsu lil OIK residenti.

45 Dan il-gvern jindika wkoll li mill-Artikolu 22-A tal-EBF jirriżulta li d-dividendi ddistribwiti minn OIK residenti lil detenturi ta' ishma residenti fit-territorju Portugiż jew li huma imputabbli lil stabbiliment permanenti li jinsab f'dan it-territorju huma ntaxxati bir-rata ta' 28 % (meta l-benefiċjarji jkunu suġġetti għat-taxxa fuq id-dħul ta' persuni fiżiċi) jew ta' 25 % (meta l-benefiċjarji jkunu suġġetti għat-taxxa fuq id-dħul ta' persuni ġuridiċi), filwaqt li d-dividendi mħallsa lil detenturi ta' ishma li ma humiex residenti fit-territorju Portugiż u li ma jkollhomx stabbiliment permanenti f'dan tal-aħħar, bħala prinċipju jiġu eżentati mit-taxxa fuq id-dħul tal-persuni fiżiċi u fuq id-dħul tal-persuni ġuridiċi (b'xi eċċezzjonijiet intiżi essenzjalment sabiex issir prevenzjoni tal-abbuż).

46 Skont l-imsemmi gvern, teżisti koerenza stretta bejn it-tassazzjoni tad-dħul ta' IIK u ta' dak ta' detenturi ta' ishma f'dawn l-organi. Għalhekk, il-mudell Portugiż tat-tassazzjoni tal-OIK, ta' natura "komposta", jikkombina strutturalment it-taxxi imposti, minn naħa, fuq l-OIK residenti, jiġifieri t-taxxa tal-boll u t-taxxa speċifika prevista fl-Artikolu 88(11) tal-Kodiċi tat-Taxxa fuq id-Dħul ta' Persuni Ġuridiċi, kif ukoll, min-naħa l-oħra, dawk imposti fuq id-detenturi ta' ishma f'tali organi, kif irrilevati fil-punt preċedenti. Dawn it-taxxi differenti, sa fejn huma integrati tajjeb ħafna bejniethom, fejn kull waħda minnhom hija indispensabbli għall-koerenza tas-sistema ta' tassazzjoni stabbilita, għandhom jiġu kkunsidrati fit-totalità tagħhom.

47 Barra minn hekk, dan l-istess gvern iżid, essenzjalment, li, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-komparabbiltà tas-sitwazzjonijiet ikkonċernati, ma għandhomx jiġu injorati l-effetti tat-trasparenza fiskali li tikkaratterizza r-relazzjoni bejn ir-rikorrent fil-kawża prinċipali u d-detenturi ta' ishma fih, li twassal sabiex it-taxxa f'ras il-għajn imposta fil-Portugall tkun tista' tiġi ttrasferita immedjatament fuq id-detenturi ta' ishma li, peress li ma humiex eżentati mit-taxxa, jistgħu jimputaw, jew ukoll, jikkreditaw il-parti tagħhom ta' din it-taxxa imposta fil-Portugall fuq it-taxxa li huma għandhom iħallsu fil-Ġermanja.

48 Fl-aħħar, il-Gvern Portugiż jikkunsidra li, sa fejn għażel liberament li ma joperax fil-Portugall permezz ta' stabbiliment permanenti, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali nnifsu eskluda ruħu minn kull paragun possibbli mal-OIK stabbiliti fil-Portugall, peress li s-sitwazzjoni tiegħu hija, fir-realtà, komparabbli ma' dik ta' entitajiet mhux residenti oħra u li d-dividendi tagħhom rċevuti fil-Portugall huma dejjem intaxxati bil-25 %.

49 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, mill-mument li Stat jissuġġetta, unilateralment jew permezz ta' ftehim, għat-taxxa fuq id-dħul mhux biss lil persuni taxxabbli residenti, iżda wkoll lil persuni taxxabbli mhux residenti, għad-dividendi li huma jirċievu mingħand kumpannija residenti, is-sitwazzjoni tal-imsemmija persuni taxxabbli mhux residenti toqrob lejn dik tal-persuni taxxabbli residenti (sentenza tat-22 ta' Novembru 2018, Sofina *et*, C-575/17, EU:C:2018:943, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

50 Fir-rigward tal-argument tal-Gvern Portugiż li jinsab fil-punt 44 ta' din is-sentenza, għandu jitfakkar li, fiċ-ċirkustanzi li taw lok għas-sentenza tat-22 ta' Diċembru 2008, Truck Center (C-282/07, EU:C:2008:762), il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat li jiġu applikati, għall-benefiċjarji ta' dħul minn kapital, tekniki ta' tassazzjoni differenti skont jekk dawn il-benefiċjarji humiex residenti jew le, peress li din id-differenza fit-trattament tikkonċerna sitwazzjonijiet li ma humiex oġġettivament komparabbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Diċembru 2008, Truck Center, C-282/07, EU:C:2008:762, punt 41).

51 Bl-istess mod, fil-kawża li tat lok għas-sentenza tat-2 ta' Ġunju 2016, Pensioenfonds Metaal en Techniek (C-252/14, EU:C:2016:402), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li t-trattament differenti tat-tassazzjoni tad-dividendi mħallsa lil fondi ta' pensjoni skont l-istatus ta' residenti jew ta' persuna mhux residenti ta' dawn tal-aħħar, li jirriżulta mill-applikazzjoni, għal dawn il-fondi rispettivi, ta' żewġ metodi ta' tassazzjoni differenti, kien iġġustifikat mid-differenza tas-sitwazzjoni bejn dawn iż-żewġ kategoriji ta' persuni taxxabbli fid-dawl tal-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, kif ukoll mill-kontenut tagħha.

52 Madankollu, bla ħsara għall-verifika mill-qorti tar-rinviju, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tillimitax ruħha sabiex tipprevedi modalitajiet differenti għall-ġbir tat-taxxa skont il-post ta' residenza tal-OIK benefiċjarju tad-dividendi ta' oriġini nazzjonali, iżda

hija tipprevedi, fir-realità, tassazzjoni sistematika tal-imsemmija dividendi fil-konfront biss tal-organi mhux residenti (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-8 ta' Novembru 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja, C-342/10, EU:C:2012:688, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

53 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, fir-rigward tat-taxxa tal-boll, li kemm mill-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati mill-partijiet kif ukoll mir-risposta tal-qorti tar-rinviju għat-talba għal informazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, mill-fatt li l-valur taxxabbli tagħha huwa kkostitwit mill-valur nett kontabbli tal-OIK, din it-taxxa tal-boll hija taxxa fuq il-patrimonju, li ma tistax tiġi assimilata ma' taxxa fuq id-dħul tal-persuni ġuridiċi.

54 Barra minn hekk, kif irrilevat l-Avukata Ġenerali fil-punt 47 tal-konklużjonijiet tagħha, fil-kawża prinċipali, il-leġiżlazzjoni fiskali Portugiża tagħmel distinzjoni, fil-każ tal-OIK residenti, bejn id-dħul mill-kapital miġbur u miżmum u dak li huwa immedjatament imqassam mill-ġdid, peress li huwa biss dak tal-ewwel li huwa inkluż fil-bażi ta' din it-taxxa tal-boll. Issa, dan l-aspett huwa biżżejjed minnu nnifsu sabiex jiddistingwi lil din il-kawża minn dik li wasslet għas-sentenza tat-2 ta' Ġunju 2016, Pensioenfonds Metaal en Techniek (C-252/14, EU:C:2016:402).

55 Fil-fatt, anki jekk jitqies li din l-istess taxxa tal-boll tista' tiġi assimilata ma' taxxa fuq id-dividendi, OIK residenti jista' jevita tali taxxa fuq id-dividendi billi jipproċedi għad-distribuzzjoni immedjata tagħhom, filwaqt li tali possibbiltà ma hijiex miftuħa għal OIK mhux residenti.

56 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tat-taxxa speċifika prevista fl-Artikolu 88(11) tal-Kodiċi tat-Taxxa fuq id-Dħul tal-Persuni Ġuridiċi, mill-indikazzjonijiet tal-amministrazzjoni fiskali li jinsabu fid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, skont din id-dispożizzjoni, din it-taxxa taffettwa d-dividendi rċevuti minn OIK residenti biss fil-każ fejn l-azzjonijiet li għalihom jirreferu d-dividendi ma jkunux baqgħu f'idejn l-istess persuna taxxabbli, b'mod mhux interrott, matul is-sena li tkun ippreċediet id-data li fiha tqiegħdu għad-dispożizzjoni u li ma ġewx miżmuma matul iż-żmien neċessarju sabiex dan il-perijodu jiġi kkompletat. Għalhekk, it-taxxa prevista mill-imsemmija dispożizzjoni tolqot id-dividendi ta' oriġini nazzjonali rċevuti minn OIK residenti biss f'każijiet limitati, b'tali mod li ma tistax tiġi assimilata mat-taxxa ġenerali li għaliha huma suġġetti d-dividendi ta' oriġini nazzjonali rċevuti mill-OIK mhux residenti.

57 Konsegwentement, il-fatt li l-OIK mhux residenti ma humiex suġġetti għat-taxxa tal-boll u għat-taxxa speċifika prevista fl-Artikolu 88(11) tal-Kodiċi tat-Taxxa fuq id-Dħul ta' Persuni Ġuridiċi ma jpoġġihomx f'sitwazzjoni oġġettivament differenti meta mqabbla mal-OIK residenti fir-rigward tal-intaxxar tad-dividendi provenjenti mill-Portugall.

58 Sussegwentement, fir-rigward tal-argument tal-Gvern Portugiż li jinsab fil-punt 48 ta' din is-sentenza, għandu jiġi rrilevat li, kif sostniet il-Kummissjoni bi tweġiba għall-mistoqsijiet bil-miktub tal-Qorti tal-Ġustizzja, fid-dawl tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, skont l-Artikolu 56 TFUE, l-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu liberi li jagħżlu l-mezzi xierqa sabiex jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom fi Stat Membru differenti minn dak tar-residenza tagħhom, irrispettivament minn jekk jistabbilixxux ruħhom jew le b'mod permanenti f'dan l-Istat Membru l-ieħor, peress li din il-libertà ma għandhiex tkun limitata minn dispożizzjonijiet fiskali diskriminatorji.

59 Barra minn hekk, sa fejn l-argument tal-Gvern Portugiż jirrigwarda l-allegata neċessità li tittieħed inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni tad-detenturi tal-ishma, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-komparabbiltà ta' sitwazzjoni transkonfinali ma' sitwazzjoni interna tal-Istat Membru kkonċernat għandha tiġi eżaminata fid-dawl tal-għan imfittex

mid-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-30 ta' April 2020, Société Générale, C-565/18, EU:C:2020:318, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata), kif ukoll tal-għan u tal-kontenut ta' dawn tal-aħħar (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-2 ta' Ġunju 2016, Pensioenfonds Metaal en Techniek, C-252/14, EU:C:2016:402, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

60 Barra minn hekk, huma biss il-kriterji ta' distinzjoni rilevanti stabbiliti mil-leġiżlazzjoni kkonċernata li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni ta' jekk id-differenza fit-trattament li tirriżulta minn tali leġiżlazzjoni tirriflettix differenza oġġettiva fis-sitwazzjonijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Ġunju 2016, Pensioenfonds Metaal en Techniek, C-252/14, EU:C:2016:402, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

61 F'dan il-każ, fir-rigward, fl-ewwel lok, tas-suġġett, tal-kontenut u tal-għan tas-sistema Portugiża fil-qasam tat-tassazzjoni tad-dividendi, kemm fil-livell tal-OIK innifishom jew tad-detenturi ta' ishma tagħhom, jirriżulta kemm mir-risposta tal-qorti tar-rinviju għat-talba għal informazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll minn dik ipprovduta mill-Gvern Portugiż għad-domandi bil-miktub li ġew indirizzati lilu fil-kuntest ta' din il-proċedura li l-imsemmija sistema ġiet ikkonċepita skont il-loġika tal-"issuġġettar għat-taxxa tal-ħruġ", fis-sens li l-OIK li jikkostitwixxu u joperaw skont il-leġiżlazzjoni Portugiża huma eżentati mit-taxxa fuq id-dħul, filwaqt li l-oneru ta' dan tal-aħħar jiġi ttrasferit lid-detenturi ta' ishma li għandhom il-kwalità ta' residenti, u d-detenturi ta' ishma mhux residenti huma eżentati minnha.

62 Fil-fatt, il-Gvern Portugiż ippreċiża li din s-sistema nazzjonali fil-qasam ta' tassazzjoni tad-dividendi kienet intiża sabiex tilħaq għanijiet bħal, b'mod partikolari, dak li tiġi evitata t-taxxa doppja ekonomika internazzjonali u li t-tassazzjoni tal-livell tal-OIK tiġi ttrasferita fuq il-livell tad-detenturi ta' ishma, b'tali mod li t-taxxa imposta fuq dan id-dħul tkun approssimattivament ekwivalenti għal dik li kienet tiġi applikata li kieku dan id-dħul kien inkiseb direttament mid-detenturi ta' ishma f'dawn l-OIK.

63 Tkun il-qorti tar-rinviju, li hija l-unika li għandha ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta d-dritt nazzjonali, billi tieħu inkunsiderazzjoni l-elementi kollha tal-leġiżlazzjoni fiskali inkwistjoni fil-kawża prinċipali u l-elementi kollha li jikkostitwixxu din l-istess sistema ta' tassazzjoni, li għandha tiddetermina l-għan prinċipali mfittex mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Jannar 2020, Köln-Aktienfonds Deka, C-156/17, EU:C:2020:51, punt 79).

64 Jekk il-qorti tar-rinviju tasal għall-konklużjoni li s-sistema Portugiża fil-qasam tat-taxxa fuq id-dividendi hija intiża sabiex tiġi evitata t-tassazzjoni doppja tad-dividendi mħallsin minn kumpanniji residenti, fid-dawl tal-kwalità ta' intermedjarju tal-OIK fil-konfront tad-detenturi ta' ishma tagħhom, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, fir-rigward tal-miżuri previsti minn Stat Membru sabiex jipprevjenu jew inaqqsu l-impożizzjoni ta' sensiela ta' taxxi jew it-taxxa doppja ekonomika fuq dħul imqassam minn kumpannija residenti, il-kumpanniji benefiċjarji residenti ma jinsabux neċessarjament f'sitwazzjoni komparabbli għal dik ta' kumpanniji benefiċjarji mhux residenti (sentenza tal-21 ta' Ġunju 2018, Fidelity Funds *et*, C-480/16, EU:C:2018:480, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

65 Madankollu, kif jirriżulta mill-punt 49 ta' din is-sentenza, mill-mument meta Stat Membru, b'mod unilaterali jew permezz ta' ftehim, jissuġġetta għat-taxxa fuq id-dħul mhux biss lill-kumpanniji residenti, iżda anki lill-kumpanniji mhux residenti, fir-rigward tad-dħul li huma jirċievu mingħand kumpannija residenti, is-sitwazzjoni tal-imsemmija kumpanniji mhux residenti toqrob lejn dik tal-kumpanniji residenti.

66 Fil-fatt, huwa s-sempliċi eżerċizzju minn dan l-istess Stat tal-kompetenza fiskali tiegħu li, indipendentement minn kull tassazzjoni fi Stat Membru ieħor, jagħti lok għal riskju ta' sensiela ta' taxxi jew ta' taxxa doppja ekonomika. F'tali każ, sabiex il-kumpanniji benefiċjarji mhux residenti ma jiġux issuġġettati għal restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital ipprojbita, bħala prinċipju, mill-Artikolu 63 TFUE, l-Istat ta' residenza tal-kumpannija li tiddistribwixxi d-dividendi għandu jiżgura li, fir-rigward tal-mekkaniżmu stabbilit mid-dritt nazzjonali tiegħu għall-prevenzjoni jew għat-tnaqqis ta' sensiela ta' taxxi jew ta' taxxa ekonomika doppja, il-kumpanniji mhux residenti jiġu ssuġġettati għal trattament ekwivalenti għal dak li jibbenefikaw minnu l-kumpanniji residenti (sentenza tal-21 ta' Ġunju 2018, Fidelity Funds *et*, C-480/16, EU:C:2018:480, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

67 Peress li r-Repubblika Portugiża għażlet li teżerċita l-kompetenza fiskali tagħha fuq id-dħul irċevut mill-OIK mhux residenti, dawn jinsabu għalhekk f'sitwazzjoni paragunabbli għal dik tal-OIK residenti fil-Portugall f'dak li jirrigwarda r-riskju ta' tassazzjoni ekonomika doppja tad-dividendi mħallsa mill-kumpanniji residenti fil-Portugall (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2018, Fidelity Funds *et*, C-480/16, EU:C:2018:480, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata).

68 Jekk il-qorti tar-rinviju tasal għall-konklużjoni li s-sistema Portugiża fil-qasam tat-tassazzjoni tad-dividendi hija intiża, fix-xewqa li ma tirrinunzjax għal kull taxxa fuq id-dividendi mqassma minn kumpanniji residenti fil-Portugall, li tipposponi l-livell tat-taxxa tagħhom fuq id-detenturi tal-ishma tal-OIK, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, għalkemm l-għan tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni huwa li l-livell ta' tassazzjoni tal-veikolu ta' investiment jiġi ttrasferit għal fuq l-azzjonist ta' din il-veikolu, huma bħala prinċipju l-kundizzjonijiet materjali tas-setgħa ta' tassazzjoni fuq id-dħul tal-azzjonisti li għandhom jitqiesu bħala determinanti, u mhux it-teknika ta' tassazzjoni użata (sentenza tal-21 ta' Ġunju 2018, Fidelity Funds *et*, C-480/16, EU:C:2018:480, punt 60).

69 Issa, OIK mhux residenti jista' jkollha detenturi ta' ishma li għandhom ir-residenza fiskali tagħhom fil-Portugall u li fuq id-dħul tagħhom dan l-Istat Membru jista' jeżerċita s-setgħa ta' tassazzjoni tiegħu. Minn din il-perspettiva, OIK mhux residenti jinsab f'sitwazzjoni oġġettivament komparabbli ma' OIK residenti fil-Portugall (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2018, Fidelity Funds *et*, C-480/16, EU:C:2018:480, punt 61).

70 Huwa minnu li r-Repubblika Portugiża ma tistax tintaxxa lid-detenturi ta' ishma mhux residenti fuq id-dividendi mqassma minn OIK mhux residenti, kif barra minn hekk ammetta l-Gvern Portugiż kemm fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu kif ukoll bi tweġiba għall-mistoqsijiet magħmula lilu mill-Qorti tal-Ġustizzja. Madankollu, tali impossibbiltà hija koerenti mal-loġika taċ-ċaqliq tal-livell ta' tassazzjoni tal-veikolu lejn id-detentur ta' ishma (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2018, Fidelity Funds *et*, C-480/16, EU:C:2018:480, punt 62).

71 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-kriterji ta' distinzjoni rilevanti, fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ċċitata fil-punt 60 ta' din is-sentenza, għandu jiġi kkonstatat li l-uniku kriterju ta' distinzjoni stabbilit mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwa bbażat fuq il-post ta' residenza tal-OIK, billi jissuġġetta biss lill-organi mhux residenti għal taxxa f'ras il-għajn fuq id-dividendi li huma jirċievu.

72 Issa, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-sitwazzjoni ta' OIK residenti li jibbenefika minn tqassim ta' dividendi residenti hija komparabbli ma' dik ta' OIK benefiċjarju mhux residenti, sa fejn, fiż-żewġ każijiet, il-profitti magħmula jistgħu, bħala prinċipju, ikunu s-suġġett ta' taxxa doppja ekonomika jew ta' sensiela ta' taxxi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' April 2014, Emerging Markets Series of DFA Investment Trust Company, C-190/12, EU:C:2014:249, punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata).

73 Konsegwentement, il-kriterju ta' distinzjoni li tirreferi għalih il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tirrigwarda biss il-post ta' residenza tal-OIK, ma jippermettix li tiġi kkonstatata differenza oġġettiva tas-sitwazzjonijiet bejn l-organi residenti u dawk mhux residenti.

74 Fid-dawl tal-elementi kollha preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li, f'dan il-każ, id-differenza li teżisti fit-trattament bejn l-OIK residenti u l-OIK mhux residenti tikkonċerna sitwazzjonijiet oġġettivament komparabbli.

*Fuq l-eżistenza ta' raġuni imperattiva ta' interess ġenerali*

75 Għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital tista' tiġi aċċettata jekk tkun iġġustifikata minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, jekk hija tkun xierqa sabiex tiggarantixxi t-twettiq tal-għan imfittex minnha u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dan l-għan jintlaħaq (sentenza tad-29 ta' April 2021, Veronsaajien oikeudenvalvontayksikkö (Dħul imħallas minn UCITS), C-480/19, EU:C:2021:334, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata).

76 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li, għalkemm il-qorti tar-rinviju ma tinvokax tali raġunijiet fit-talba għal deċiżjoni preliminari, peress li din tiffoka biss fuq il-komparabbiltà eventwali tas-sitwazzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-Gvern Portugiż isostni, kemm fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu kif ukoll bi tweġiba għall-mistoqsijiet li sarulu mill-Qorti tal-Ġustizzja, li r-restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital operata mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija ġġustifikata fid-dawl ta' żewġ raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, jiġifieri, minn naħa, in-neċessità li tiġi ppreżervata l-koerenza tas-sistema fiskali nazzjonali u, min-naħa l-oħra, dik li jiġi ppreżervat tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn iż-żewġ Stati Membri kkonċernati, jiġifieri r-Repubblika Portugiża u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

77 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tan-neċessità li tinżamm il-koerenza tas-sistema fiskali nazzjonali, il-Gvern Portugiż iqis, kif jirriżulta mill-punt 46 ta' din is-sentenza, li l-mudell ta' tassazzjoni Portugiża tad-dividendi jikkostitwixxi mudell "kompost". B'hekk, ikun possibbli li tiġi ggarantita l-koerenza ta' dan il-mudell biss jekk l-entità amministratriċi tal-OIK mhux residenti topera fil-Portugall permezz ta' stabbiliment permanenti, b'tali mod li din l-entità tkun tista' tikkonkretizza t-taxxa f'ras il-għajn neċessarja fuq id-detenturi ta' ishma residenti, kif ukoll, f'ċerti każijiet eċċezzjonali ggwidati minn kunsiderazzjonijiet marbuta mal-fatt li tiġi evitata l-pjanifikazzjoni fiskali, fuq id-detenturi ta' ishma mhux residenti.

78 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-ħtieġa li titħares il-koerenza ta' sistema fiskali nazzjonali tista' tiġġustifika leġiżlazzjoni nazzjonali ta' natura li tirrestrinġi l-libertajiet fundamentali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Mejju 2012, Santander Asset Management SGIIC *et*, C-338/11 sa C-347/11, EU:C:2012:286, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tat-13 ta' Marzu 2014, Bouanich, C-375/12, EU:C:2014:138, punt 69 u l-ġurisprudenza ċċitata), madankollu hija ppreċiżat li, sabiex argument ibbażat fuq tali ġustifikazzjoni jkun jista' jintlaqa', għandha tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabta diretta bejn il-vantaġġ fiskali kkonċernat u l-kumpens ta' dan il-vantaġġ premezz ta' ġbir fiskali speċifiku (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-8 ta' Novembru 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja, C-342/10, EU:C:2012:688, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tat-13 ta' Novembru 2019, College Pension Plan of British Columbia, C-641/17, EU:C:2019:960, punt 87).

79 Issa, f'dan il-każ, kif jirriżulta mill-punt 71 ta' din is-sentenza, l-eżenzjoni tat-taxxa f'ras il-għan tad-dividendi favur OIK residenti ma hijiex suġġetta għall-kundizzjoni li d-dividendi rċevuti minn dawn l-organi jerġgħu jitqassmu minnhom u li t-tassazzjoni tagħhom imposta fuq id-detenturi tal-ishma tagħhom tkun tippermetti li tiġi kkumpensata l-eżenzjoni mit-taxxa f'ras il-għajn (ara, b'analoġija, is-sentenzi tal10 ta' Mejju 2012, Santander Asset Management SGIIC *et*, C-338/11 sa C-347/11, EU:C:2012:286, punt 52, u tal-10 ta' April 2014, Emerging Markets Series of DFA Investment Trust Company, C-190/12, EU:C:2014:249, punt 93).

80 Għaldaqstant, ma teżisti l-ebda rabta diretta, fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 78 ta' din is-sentenza, bejn l-eżenzjoni mit-taxxa f'ras il-għajn tad-dividendi ta' oriġini nazzjonali miġbura minn OIK residenti u t-tassazzjoni tal-imsemmija dividendi bħala dħul tad-detenturi tal-ishma ta' dan l-organu.

81 In-neċessità li tiġi pprezervata l-koerenza tas-sistema fiskali nazzjonali ma tistax, għaldaqstant, tiġi invokata sabiex tiġi ġġustifikata r-restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

82 Fir-rigward, fit-tieni lok, tan-neċessità li jiġi pprezervat tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn ir-Repubblika Portugiża u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, għandu jitfakkar li, hekk kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet repetutament, il-ġustifikazzjoni bbażata fuq in-neċessità li jitħares it-tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri tista' tkun ammessa meta s-sistema inkwistjoni tkun intiża sabiex tipprevjeni aġir li jista' jikkomprometti d-dritt ta' Stat Membru li jeżerċita l-kompetenza fiskali tiegħu fir-rigward tal-attivitajiet imwettqa fit-territorju tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-22 ta' Novembru 2018, Sofina *et*, C-575/17, EU:C:2018:943, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-20 ta' Jannar 2021, Lexel, C-484/19, EU:C:2021:34, punt 59).

83 Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, meta Stat Membru jkun għażel, bħal fis-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ma jintaxxax lill-OIK residenti li jibbenefikaw minn dividendi ta' oriġini nazzjonali, ma jistax jinvoka n-neċessità li jiġi żgurat tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri bil-għan li jiġġustifika t-tassazzjoni tal-OIK mhux residenti li jibbenefikaw minn dan id-dħul (sentenza tal-21 ta' Ġunju 2018, Fidelity Funds *et*, C-480/16, EU:C:2018:480, punt 71 u l-ġurisprudenza ċċitata).

84 Minn dan isegwi li l-ġustifikazzjoni bbażata fuq il-preżervazzjoni ta' tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri ma tistax tiġi aċċettata.

85 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta għad-domandi magħmula għandha tkun li l-Artikolu 63 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li dan jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li, skontha, id-dividendi mqassma minn kumpanniji residenti lil OIK mhux residenti huma suġġetti għal taxxa f'ras il-għajn, filwaqt li d-dividendi mqassma lil OIK residenti huma eżentati minn tali taxxa.

**Dwar l-ispejjeż**

86 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 63 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li dan jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li, skontha, id-dividendi mqassma minn kumpanniji residenti lil organu ta' investiment kollettiv (OIK) mhux residenti huma suġġetti għal taxxa f'ras il-għajn, filwaqt li d-dividendi mqassma lil OIK residenti huma eżentati minn tali taxxa.**

Firem